# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

L-EWWEL KTIEB TA' L-1933

## DIZZJUNARJU TAS-SINONMI MALTIN.

Min iħobb il-kitba maltija ma jistax ma jitgħaxxaqx bil-ħarġa żgħażagħ, tfal ta' l'iskola, li mixgħulin bl-imħabba tal-lsien li hu tagħhom, u bil-ħrara tas-sengħa, qegħdin jitħarrġu xi wħud fil-kitba tal-proża u oħrajn f'dik tal-poeżija bil-malti.

Tistagħġeb xi drabi kemm għandhom ħabta jinsġulek ħrafa, jew rakkont, jew bozzett, u kif iqegħdulek quddiem għajnejk ix-xbieha ta' mara, ta' raġel, ta' xbejba jew ta' tifel b'erba' pinzellati fi proża ħafifa, mexxejja, ħierġa safja minn qalb li tħoss. Tistagħġeb, xi drabi oħra, liema xejra sabiħa għandhom xi wħud għall-versi.... versi li ma jkunu xejn li tarmihom, u tħoss li ġe' dawk is-sillabi hemm qalb li tħabbat, hemm fehma u rieda qawwija imħeġġin biex jirbħu it-tweghir u l-qugħ li l-kittieba kollha, imma l-iżjed iż-żgħażagħ, jiltaqgħu miegħu: tistħajjilhom dawk il-versi bħal ħuġġieġa ward ta' kull għamla, ta' kull lewn, ta' kull daqs illi jlebleb, ilellex, ifewwaħ taħt iż-żiffa ta' dik in-nebħa sabiħa li bejn is-sittax u l-erbgħa-u-għoxrin sena iżżur lil kull min jifhem xi ftit il-ġmiel tal-ħolqien, il-ħlewwa ta' l-imħabba, in-nisġa ta' ferħ u ta' niket, ta' tama u ta' qtigħ il-qalb, fil-ħajja tal-bniedem.

Iżda ntbaħna mhux ftit drabi illi dawn iż-żgħażagħ xi daqqiet tonqoshom il-kelma li jkunu jeħtieġu, u jiġrilhom

ta' sikwit illi jfissru l-ħsieb ta' moħħom jew it-tqanqil ta' qalbhom b'xi kliem li ma jroddx bir-reqqa dak il- ħsieb u dik it-tqanqila, u flok ma jfissru dik il-ħaġa li jkunu jridu, jgħidu oħra li tixbaħha.

Lil dawn iż-żgħażagħ ta' rieda tajba jeħtieġ natuhom xi ktieb li jgħinhom isibu malajr dik il-kelma li tonqoshom jew għax ma għarfuha qatt, jew għax dak-il-ħin ma tigix f'rashom bil-għasir kollu li jagħsru moħħom: natuhom *Dizzjunarju tas-Sinonmi Malti*n.

Bil-għajnuna ta' dan il-ktieb wieħed ikun jista', jekk jaf kelma li tersaq biex tfisser il-ħsieb li għandu, isib tnejn jew tlieta oħra li għandu mnejn ikunu jfissru aktar bil-qies u aktar bir-reqqa il-ħsieb tiegħu, u hekk jitgħallem ukoll jagħraf dawk ir-rqaqat li jagħżlu it-tifsir ta' kelma mit-tifsir ta'oħra: issir hekk dik il-ħażna ta' kliem meqjus, sabiħ u mexxej li jkun iġib għal kull fehma tal-kittieb, u dan il-kliem fit-tħarriġ tal-kitba, jinhemes hekk tajjeb mal-ħsebijiet tiegħu. illi, ma' li jleħħ il-ħsieb fil-moħħ, taqbeż il-kelma t-tajba li għandha tfissru.

Il-ħieġ ta' dizzjunarju tas-Sinonmi ħassewh l-imgħallmin kollha ta' l-ilsna barranija, u ma haw' l-ebda letteratura li fost il-ħafna kotba ta' tagħlim tal-lsien nazzjonali ma għandhiex dizzjunarju, jew tnejn, jew aktar minn tnejn, tal-kliem sinonmu ta' dak il-lsien.

Dawn id-dizzjunarji tas-sinonmi, jiġifieri tal-kliem ta' lsien wieħed, li jixxiebaħ fit-tifsir tiegħu, maħruġin għall-istudenti ta' l-ilsna barranin, jistgħu jaqduna tajjeb bħala mudelli għal tagħna. Dak ta' Niccolò Tommaseo, jew ta' S. P. Zecchini għall-ilsien taljan, inkella dak ta' Nuttall għall-Ingliż, huma tajbin ħafna, u jistgħu jaqduna bil-bosta biex infasslu tagħna fuqhom.

Naħsbu li jkun għajb għalina l-kittieba tal-Malti, jekk dan id-dizzjunarju ma jsirx. Tgħid insibu min jindaħal għalih?